MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 1267/2009

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef-Grimaud u Sp Jesmond J. Borg)
vs
Elton Abdilla, iben Andrew, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ottubru, 1981, Karta ta' l-Identita numru 542681(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli ġewwa l-Belt, Valletta, ġewwa l-konfini tal-Bini tal-Qorti, fit-30 ta' Novembru, 2009 bejn is-2.30 p.m. u l-4.00 p.m.:
1. talli waqt proċeduri kriminali u cioe' waqt ġuri (Republika ta' Malta vs Jean Pierre Abdilla), ikkorrompa xhud u cioe' lil Jean Claude Agius, sabiex jagħti xhieda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ħsieb ta' xi ħadd, wegggħa bi kliem, ġesti jew b'xi mod ieħor lill-istess Jean Claude Agius;

3. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta,liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
4. talli kkaġuna lil Jean Claude Agius li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' l-imsemmi Jean Claude Agius.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-inċident meritu ta' din il-kawża ġara waqt il-ġuri hawn fuq imsemmi.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda element li tista' twassal għal sejbin ta' ħtija ta' l-imputat u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------